



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 978/2014 tas-16 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 165/2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokatil lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010** 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 979/2014 tas-16 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 4

##### DEĊIŻJONIJIET

2014/664/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2005 dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda** ..... 6

##### Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/415/PESK tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà (ĠU L 192, 1.7.2014)** ..... 7



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 978/2014

tas-16 ta' Settembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 165/2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 105(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011<sup>(2)</sup> jistabbilixxi li l-kwota tas-sajd għall-kavalli (*Scomber scombrus*) fiż-żona VIIIc, IX u X, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1, ("il-kwota tas-sajd għall-kavalli") allokata lil Spanja fl-2013 għandha titnaqqas b'8 126 tunnellata.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2011 jistipula wkoll li l-kwota tas-sajd għall-kavalli li tista' tiġi allokata lil Spanja fis-sena 2015 u, fejn xieraq, fis-snin sussegwenti għandha titnaqqas b'9 747 tunnellata.
- (3) Fid-19 ta' Frar 2014, l-awtoritajiet Spanjoli infurmaw lill-Kummissjoni li l-kwota tas-sajd tagħhom għall-kavalli għas-sena 2013 kienet għadet ma ntużatx totalment, u għall-fini tal-ħlas lura għas-sajd żejjed tal-kavalli fl-2010, talbu lill-Kummissjoni biex tqis it-tunnellaġġ mhux uttilizzat, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 165/2011. Il-kwantità mhux uttilizzata tammonta għal 4 158 tunnellata.
- (4) Madankollu, Spanja kienet talbet, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>(3)</sup>, li, fil-limiti ta' dak ir-Regolament, parti mill-kwota tas-sajd għall-kavalli tagħhom għall-2013 jinżammu u jiġu ttrasferiti għas-sena ta' wara.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2014<sup>(4)</sup> ittrasferixxa 2 022 tunnellata mill-kwota ta' Spanja għas-sajd tal-kavalli li baqgħet ma ġietx uttilizzata, fl-2013, għas-sena 2014. Għalhekk, il-bqija tat-tunnellaġġ mhux uttilizzat għas-sena 2013 jammonta għal 2 136.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011 tat-22 ta' Frar 2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010 (ĠUL 48, 23.2.2011, p. 11).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠUL 115, 9.5.1996, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 04 Vol 02 p. 317).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2014 tas-16 ta' Mejju 2014 li jżid mal-kwoti tas-sajd tal-2014 ċerti kwantitajiet miżmuma fis-sena 2013 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠUL 147, 17.5.2014, p. 44).

- (6) L-ammont ta' 2 136 tunnellata għandu jintuża biex jiskeda mill-ġdid it-tnaqqis previst fir-Regolament (UE) Nru 165/2011 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 976/2012 <sup>(1)</sup>. Din il-kwantità għandha tiġi miżjuda mal-ammont ta' tnaqqis għall-2013, li jikkostitwixxi total ta' 10 262, u għandha simultanament tiġi mnaqqsa mill-ammont ta' tnaqqis ta' snin sussegwenti.
- (7) Fit-8 ta' Mejju 2014, Spanja talbet li t-tunnellaġġ mhux utilizzat jitnaqqas mill-ammonti ta' tnaqqis tal-2014. Din hija kompatibbli mar-raġunament espress fil-premessa 7 tar-Regolament (UE) Nru 165/2011. Ir-Regolament (KE) Nru 165/2011 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 976/2012 għandu għalhekk, jiġi emendat skont dan.
- (8) Peress li, b'riżultat ta' dan ir-Regolament, il-modifika tal-limiti tal-qbid fil-każ ta' Spanja taffettwa l-attivitàjiet ekonomiċi u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti Spanjoli, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 165/2011 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 976/2012 tat-23 ta' Ottubru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 165/2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010 (ĠU L 294, 24.10.2012, p. 3).

ANNEX

“ANNEX

Stokk	Kwota Inizjali għall-2010	Kwota adattata għall-2010	Qabdiet stabbiliti għall-2010	Differenza fil-kwota tal-qabdiet (sajd żejjed)	Fattur ta' multiplikazzjoni tal-Artikolu 105(2) tar-Regolament 1224/2009 (sajd żejjed * 2)	Tnaqqis għall-2011	Tnaqqis għall-2012	Tnaqqis għall-2013	Tnaqqis għall-2014	Tnaqqis għall-2015 u, fejn xieraq, għas-snin sussegwenti
MAC/8C3411	27 919	24 604	44 225	- 19 621 (79,7 % tal-kwota għall-2010)	- 39 242	7 744	5 500	10 262	5 989	9 747"

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 979/2014****tas-16 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jip-preskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	57,9
	TR	82,8
	XS	82,8
	ZZ	74,5
0707 00 05	TR	123,8
	ZZ	123,8
0709 93 10	TR	133,9
	ZZ	133,9
0805 50 10	AR	166,7
	CL	144,0
	IL	155,5
	UY	145,4
	ZA	147,7
	ZZ	151,9
	0806 10 10	BR
0808 10 80	EG	160,7
	MA	157,9
	MK	27,7
	TR	126,8
	ZZ	127,2
	BR	60,0
	CL	100,6
0808 30 90	NZ	122,6
	US	129,4
	ZA	98,5
	ZZ	102,2
	CN	101,9
	TR	124,3
0809 30	ZZ	113,1
	TR	129,3
0809 40 05	ZZ	129,3
	MK	14,1
	ZZ	14,1

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Settembru 2014

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2005 dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda**

(2014/664/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, 2005 <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim") se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014, sakemm il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) ma jiddeċidix li jestendih f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47(1) u (2) tal-Ftehim.
- (2) Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati fisem l-Unjoni għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ġdid dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda.
- (3) Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet fi ħdan l-IOC dwar ftehim ġdid. Issa hu ċert li d-data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru 2014 mhix se tiġi rrispettata biex jiġi konkluż ftehim. Għalhekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura li l-Ftehim eżistenti jiġi estiż.
- (4) L-estensjoni tal-Ftehim attwali hija distinta min-negozjati dwar il-konklużjoni ta' ftehim ġdid. Għalhekk, l-Unjoni għandha titlob li l-Ftehim eżistenti jiġi estiż b'sena u tivvota favur tali estensjoni jekk din tiġi proposta lill-Kunsill tal-Membri tal-IOC,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni, fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, hija li titlob estensjoni ta' sena tal-Ftehim dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda eżistenti u li tivvota favur l-estensjoni ta' sena tal-Ftehim Internazzjonali tal-2005 dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda jekk din tiġi proposta lill-Kunsill tal-Membri.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

<sup>(1)</sup> ĠUL 302, 19.11.2005, p. 47.



## RETTIFIKA

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/415/PESK tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 192 tal-1 ta' Lulju 2014)

Fil-qoxra, fil-verrej:

*minflok:* **“Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/415/UE tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà”,**

*aqra:* “2014/415/PESK

**Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà”;**

Fpaġna 53, fit-titolu:

*minflok:* **“DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/415/PESK  
tal-24 ta' Ġunju 2014  
dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà”,**

*aqra:*

**“DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL  
tal-24 ta' Ġunju 2014  
dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola ta' solidarjetà  
(2014/415/UE)”.**

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**